# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2019

**Rikors Numru : 194/2018 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**DB**

**Vs**

**MDB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' DB, datat 18 ta' Lulju, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi huwa zzewweg lill-intimata MDB nhar id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (1989) – Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat (Dokument 'A');*

*Illi l-partijiet kienu xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat fis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) minn Nutar Marco Burlo skond kopja hawn annessa u mmarkata Dokument 'B';*

*Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied VB li mietet fl-ghaxra (10) ta' Awissu tal-elfejn u erbatax (2014) fl-eta' ta' erbgha u ghoxrin (24) sena u LB ta' sitta u ghoxrin (26) sena;*

*Illi l-possibilta' ta' rikonciljazzjoni tar-rikorrenti ma' martu hija impossibli ghal*

*bosta ragjunijiet fosthom li huma ilhom de facto separati ghal dawn l-ahhar ghoxrin (20) sena;*

*Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali r-rikorrenti obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' mija u erbghin lira maltija (LM140) fix-xahar ghall-manteniment ghal uliedu, u f'dan ir-rigward jigi ddikjarat li r-rikorrenti m'ghandu jghati xejn lill-intimata. Inoltre, l-esponent u l-intimata kienu iddekadew mid-dritt li jitlobu il-manteniment lil xulxin skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali surreferit;*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal ghoxrin (20) sena, b'mod li r-rekwiziti tal-Artikolu 66(B)(a) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huma sodisfatti, stante li ilhom separati 'de facto' mill-1997 jigifieri iktar minn erba' (4) snin u ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

*Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghax-xoljiment taz-zwieg u sabiex jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent DB jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' MDB huwa mahlul u li ghal dan il-ghan tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u ghall kull fini u effetti kollha tal-Ligi tordna lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex fi zmien stabbilit minnu, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku permezz ta' annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dokument 'A' u f'kull certifikat iehor fejn jigi indikati jekk ir-rikorrent huwiex mizzewweg jew le u jekk l-intimata hijiex mizewwga jew le.*

Rat li l-att promotur, id-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DB** xehed a fol 19 *et seqq.* illi l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Mejju 1989 u kienu ottjenew separazzjoni legali fl-16 t'Ottubru 1997 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li llum il-gurnata wahda minnhom ghaddiet ghall-hajja ohra, u l-iehor huwa maggorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament sa minn mindu sseparaw legalment u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MDB** xehdet a fol 22 *et seqq.* u kkonfermat ix-xhieda moghtija minn DB.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
> ***[...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
> ***[...]***

Il-Qorti rat illi in segwitu ta' zwieg taghhom fid-19 ta' Mejju 1989, l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 16 t'Ottubru 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament sa minn dak inhar. (Vide Dok B a fol 4 et seqq.)

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**